



It-Tnaqqis u l-kontroll ta' l-istorbju

L-Eliminazzjoni jew it-tnaqqis ta' storbju eċċessiv fuq il-post tax-xogħol m'huwiex sempliċiment responsabbiltà legali għal persuni li jimpjegaw; huwa wkoll fl-interessi kummerċjali ta' l-organizzazzjoni. Iktar ma jkun b'saħħtu u sigur l-ambjent tax-xogħol, iktar tkun baxxa l-probabbiltà ta' assenteiżmu għoli, inċidenti u nuqqas ta' prestazzjoni. Din il-folja tal-fatti tispjega l-passi prinċipali li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqas u jiġi kkontrollat l-istorbju fuq ix-xogħol.

Passi lejn is-suċċess

L-istorbju jista' jkun problema f'ħafna postijiet tax-xogħol, mhux biss f'siti tal-kostruzzjoni u f'fabbriki, iżda fi kwalunkwe post minn irziezet sa bars, minn skejjet sa swali tal-kunċerti. Ikkun xi jkun il-post tax-xogħol, hemm tliet passi prinċipali għall-prevenzjoni ta' ħsara lil ħaddiema:

- l-istima tar-riskji;
- abbażi ta' l-istima, passi għall-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji;
- monitoraġġ u reviżjoni regolari ta' l-effikaċja tal-miżuri fis-seħħ.

L-Istima tar-riskji

Il-grad u t-tip ta' stima jiddependu fuq il-qasam ta' applikazzjoni u d-daqs tal-problema fil-post tax-xogħol, iżda r-riskji kollha li jirriżultaw mill-istorbju għandhom jiġu kkunsidrati. Per eżempju, il-mezzi li bihom l-istorbju jista' jżid ir-riskju ta' inċidenti f'fabbrica għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mar-riskju ta' nuqqas ta' smiġħ ikkawżat mill-istorbju (NIHL).

Punti prinċipali fi stima tar-riskju

- Identifika r-riskji differenti relatati ma' l-istorbju fl-organizzazzjoni tiegħek. Per eżempju:
 - Hemm xi ħaddiema esposti għal ħsejjes kbar, bir-riskju potenzjali ta' nuqqas ta' smiġħ ikkawżat mill-istorbju?



- Hemm preżenti sustanzi perikolużi li jistgħu jżidu r-riskju ta' ħsara għas-smiġħ?
- L-istorbju f'ċerti kompiti ta' xogħol jagħmilha iktar diffiċli għall-komunikazzjoni, biex b'hekk jiżdied ir-riskju ta' inċidenti?
- In-natura ta' l-istorbju qiegħda tikkontribwixxi għall-istress relatat għax-xogħol fl-organizzazzjoni?
- Ikkunsidra min tista' ssiru l-ħsara u kif, inklużi personal temporanju u *part time*, kif ukoll ħaddiema fi gruppi ta' riskju speċifiċi b'ħal impjegati nisa li huma tqal.
- Ivaluta miżuri li huma diġà fis-seħħ sabiex jikkontrollaw livelli ta' storbju, u ddeċiedi liema azzjoni ulterjuri jeħtieġ li tittieħed.
- Irreġistra r-riżultati kollha tiegħek u aqsamhom ma' ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom.

Hu passi għall-prevenzjoni jew il-kontroll ta' riskji

Hemm ġerarkija ta' miżuri ta' kontroll li tista' tiġi segwita sabiex jiġu assigurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema:

- l-eliminazzjoni ta' fonti ta' storbju;
- il-kontroll ta' l-istorbju fil-fonti;
- miżuri kollettivi ta' kontroll permezz ta' organizzazzjoni tax-xogħol u t-tqasim tal-post tax-xogħol;
- tagħmir għal protezzjoni personali.

Elimina l-fonti ta' l-istorbju

L-Eliminazzjoni ta' fonti ta' storbju hija l-mod l-iktar effettiv sabiex jiġu pprevenuti riskji għal ħaddiema, u għandha dejjem tiġi kkunsidrata meta jiġu pplanati tagħmir għid tax-xogħol jew postijiet tax-xogħol. Politika ta' prokura ta' ebda storbju jew storbju ta' livell baxx' hija s-soltu l-mezz l-iktar effettiv fir-rigward ta' l-ispiża għall-prevenzjoni jew il-kontroll ta' l-istorbju. Diversi Stati Membri għandhom bażijiet tad-*data* sabiex jgħinu lil intrapriżi fis-selezzjoni ta' tagħmir għax-xogħol.

Il-Kontroll ta' l-istorbju fil-fonti

It-tnaqqis ta' l-istorbju, jew fil-fonti tiegħu jew fil-passaġġ tiegħu għandu jkun il-punt fokali maġġuri ta' programmi ta' ġestjoni ta' l-istorbju, meta wieħed jikkunsidra kemm it-tagħmir kif ukoll id-disinn u l-manutenzjoni tal-post tax-xogħol.

Dan jista' jintlaħaq permezz ta' firxa ta' kontrolli ta' inġinerija, li jinkludu:

- l-iżolament tal-fonti, permezz tal-post, l-għeluq taż-żona, jew it-tnaqqis tal-vibrazzjoni bl-użu ta' molol tal-metall jew pnevmatiċi jew sostenni ta' l-elastomeru;
- it-tnaqqis fil-fonti jew fil-passaġġ — bl-użu ta' għeluq u barrieri, insonorizzanti jew silenzzjaturi fuq l-ispurgar, jew permezz ta' tnaqqis ta' veloċitajiet ta' qtugħ, fannijiet, jew ta' impatt;
- is-sostituzzjoni jew l-alterazzjoni ta' makkinarju - inklużi trażmissjoni biċ-ċineg minflok gerijiet iktar storbużi, jew għodod elettriċi iktar milli pnevmatiċi;

- ☑ L-applikazzjoni ta' materjali b'inqas storbju - b'hal inforor tal-lasktu f'laned taż-żibel, trasportaturi, u vibraturi;
- ☑ it-tnaqqis attiv ta' l-istorbju ('anti-storbju'), f'ċerti ċirkostanzi;
- ☑ it-twettiq ta' manutenzjoni preventiva: hekk kif jintużaw/jitherrew il-partijiet, il-livelli ta' l-istorbju jistgħu jinbidlu.

Miżuri kollettivi ta' kontroll

Meta l-istorbju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod adegwat fil-fonti, għandhom jittieħdu passi ulterjuri sabiex l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-istorbju titnaqqas. Dawn jistgħu jinkludu t-tibdil:

- ☑ tal-post tax-xogħol — l-assorbiment tal-ħoss f'kamra (eż. saqaf li jassorbi l-ħoss) jista' jkollu effett sinifikanti fuq it-tnaqqis ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-istorbju;
- ☑ ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol (eż. bl-użu ta' metodi tax-xogħol li jeħtieġu inqas espożizzjoni għall-istorbju); u
- ☑ tat-tagħmir tax-xogħol - kif inhu installat it-tagħmir tax-xogħol, u fejn jitqiegħed, jista' jagħmel differenza kbira fl-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-istorbju.

L-ergonomiċi ta' kwalunkwe miżura għall-kontroll ta' l-istorbju għandhom jiġu kkunsidrati. Meta miżuri għall-kontroll ta' l-istorbju joħolqu diffikultajiet għal ħaddiema fit-twettiq ta' l-impjegati tagħhom, jista' jagħti l-każ li jiġu modifikati jew jitneħħew, u dan ineħħilhom l-effikaċja tagħhom.

Tagħmir għal protezzjoni personali

Tagħmir għal protezzjoni personali (PPE – Personal Protection Equipment), b'hal tappijiet għall-widnejn u protezzjoni għall-widnejn, għandu jintuża b'hal l-aħħar mezz wara li jkun n'lew l-isforzi kollha għall-eliminazzjoni jew it-tnaqqis ta' l-istorbju. Kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta jintuża PPE jinkludu:

- ☑ l-assigurazzjoni li l-PPE magħżul huwa approprijat għat-tip u d-durata ta' l-istorbju - għandu wkoll ikun kompatibbli ma' tagħmir ieħor ta' protezzjoni;
- ☑ l-impjegati għandu jkollhom għażla ta' protezzjoni għas-smiġħ adattata sabiex jistgħu jagħżlu s-soluzzjoni l-iktar komda;
- ☑ ħafna ħaddiema, b'hal sewwieqa, uffiċjali tal-pulizija, piloti, u operaturi ta' kameras, jeħtieġu apparat għall-widnejn jew għar-ras biex jintuża f'komunikazzjoni, ħafna drabi b'ikkanċellar attiv ta' l-istorbju (ANC – Active Noise Cancellation) sabiex tiġi assigurata komunikazzjoni ċara u jiġu mminimizzati riskji ta' inċidenti;
- ☑ il-PPE għandu jinħażen u jinżamm b'mod korrett; u
- ☑ għandu jingħata taħriġ dwar għaliex huwa neċessarju PPE, kif għandu jintuża, u kif għandu jinħażen u jinżamm.

Informazzjoni u taħriġ

ħaddiema għandhom jirċievu informazzjoni u taħriġ sabiex jgħinuhom jifhemu u jitttrattaw ir-riskji relatati għall-istorbju. Dan għandu jkopri:

- ☑ ir-riskji f'faċċjati, kif ukoll il-miżuri meħuda sabiex jiġu eliminati jew jitnaqqsu;

- ☑ ir-riżultati ta' l-istima tar-riskju u kwalunkwe kejl ta' l-istorbju, inkluża spjegazzjoni tas-sinifikat tagħhom;
- ☑ miżuri għall-kontroll ta' l-istorbju u għall-protezzjoni tas-smiġħ, inkluż il-PPE;
- ☑ l-għaliex u kif għandhom jiġu intraċċati u rrapportati sinjali ta' ħsara għas-smiġħ;
- ☑ meta ħaddiema huma intitolati għal sorveljanza tas-saħħa, u l-iskop tagħha.

Agħmel monitoraġġ regolari tar-riskji u tal-miżuri ta' kontroll

Persuni li jimpjegaw għandhom jikkontrollaw b'mod regolari li l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni jew għall-kontroll ta' l-istorbju għadhom jaħdmu b'mod effettiv. Skond l-espożizzjoni tagħhom għall-istorbju, ħaddiema għandhom dritt għal sorveljanza approprijata tas-saħħa. Meta dan iseħħ, għandhom jinżammu reġistri individwali tas-saħħa u tiġi pprovduta informazzjoni lill-impjegati. It-tagħrif ottenut mis-sorveljanza għandu jintuża sabiex jirrevedi r-riskji u l-miżuri ta' kontroll.

L-Involvement ta' l-Impjegati

Il-Konsultazzjoni tal-forza tax-xogħol hija ħtieġa legali, u tgħin tassigura li l-ħaddiema huma impenjati lejn il-proċeduri u titjib għas-saħħa u s-sigurtà. L-Użu tat-tagħrif tagħhom jgħin jassigura li l-perikli huma identifikati tajjeb u li jiġu implimentati soluzzjonijiet prattiċi. Rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom rwol importanti f'dan il-proċess. L-Impjegati għandhom jiġu kkonsultati dwar miżuri għas-saħħa u s-sigurtà qabel l-introduzzjoni ta' teknoloġija jew prodotti ġodda.

Leġiżlazzjoni

Fl-2003, kienet adottata d-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġiet minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (l-istorbju). Din id-direttiva għandha tiġi trasposta għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri kollha qabel il-15 ta' Frar 2006 (1).

L-Artikolu 5(1) tad-direttiva jeħtieġ li, b'kont meħud tal-progress tekniku u tal-miżuri disponibbli għall-kontroll tar-riskju fil-fonti, 'ir-riskji li jirriżultaw minn espożizzjoni għall-istorbju għandhom jiġu eliminati fil-fonti jew jitnaqqsu għal minimumu'. Id-direttiva tistabbilixxi wkoll valur limitu ġdid ta' espożizzjoni kuljum ta' 87 dB(A).

(1) Li tissostitwixxi d-Direttiva 86/188/KEE.

Aktar Informazzjoni

Din il-folja tal-fatti hija parti mill-kampanja ta' l-2005 għall-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol. Folji tal-fatti u informazzjoni addizzjonali dwar l-istorbju huma disponibbli f' <http://ew2005.osha.eu.int>. Informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà tista' tinsab f'<http://europa.eu.int/eur-lex/>

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao
Tel. (34) 944 79 43 60, fax (34) 944 79 43 83
E-mail: information@osha.eu.int

